MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 505/2003

**Lloyds (Malta) Limited bhala rapprezentanti ex lege ghan-nom tal-membri ta' Lloyds li jifformaw is-syndicates bin-numri JAT1245, KLN0510, SDM0807, SAM0727, ATR0570 u SIM0994 u Rausi Insurance Agency Limited, u Evan Abela Scolaro**

**vs**

**Joseph Tanti u b'digriet tal-5 ta' Dicembru 2003 isem il-konvenut flok Joseph Tanti ikun James Tanti, kif ukoll il-kjamata in kawza ta' Ester Vella u b'digriet tat-23 ta' Gunju 2004 il-kunjom Vella gie sostitwit bil-kunjom Tanti**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-8 ta' Ottubru tas-sena 2003 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lill-atturi s-somma ta’ elf tminn mija u hamsa u ghoxrin Lira u erbgha u sittin centezmu (LM1825.64,0) u dan bhala rizarcment ta’ danni subiti fil-vettura FTO-878 proprjeta’ ta’ l-attur Evan Abela Scolaro, assikurata mal-atturi l-ohrajn taht polza *comprehensive,* liema atturi b’hekk huma surrogati fid-drittijiet tieghu, hlief ghas-somma ta’ mija u hamsa u sebghin Lira Maltin (LM175) imhallsin mill-attur Evan Abela Scolaro bhala excess, liema danni gew kawzati mill-konvenut f’incident tat-traffiku li sehh fir-Rabat, fit-3 t’April tas-sena 2003, b’tort tieghu, waqt li kien qed isuq il-vettura BAF-789;

2. Bl-ispejjez inkluzi dawk t’ittra interpellatorja tat-22 ta’ Mejju tas-sena 2003;

3. Il-konvenut hu ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-31 ta’ Ottubru tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-sewgenti:

1. Illi dak li talbu l-atturi fil-konfront tal-eccipjent ghandu jigi michud bl-ispejjez peress li ghall-incident stradali in kwistjoni ma kienx jahti l-eccipjent;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat ir-rikors ta’ l-atturi datat l-4 ta’ Dicembru tas-sena 2003 li permezz tieghu intalbet is-sostituzzjoni ta’ isem l-attur u ntalbet ukoll il-kjamata in kawza ta’ Esther Vella;

Rat id-digriet taghha datat il-5 ta’ Dicembru, 2003 li permezz tieghu ordnat il-korrezzjoni fl-isem ta’ l-attur u ordnat il-kjamata in kawza mitluba;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kjamata in kawza Esther Vella datata l-20 ta’ Jannar tas-sena 2004 fejn eccepiet is-segwenti:

1. Illi hi ma kellha ebda responsabbilita’ ghall-incident stradali mertu tal-AVVIZ;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi;

Rat it-talba ghan-nom tal-kjamata in kawza datata t-23 ta’ Gunju tas-sena 2004, ghas-sostituzzjoni ta’ kunjomha stante li zzewget fil-mori tal-kawza u li kellu issa jkun indikat bhala Tanti minflok Vella;

Rat id-digriet taghha ta’ l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti li permezz tieghu laqghet it-talba;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi din il-procedura tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-3 t'April tas-sena 2003 ghall-habta tal-5.30 ta' filghaxija fi Triq Ghajn Kajjet, ir-Rabat;

2. Illi f'dan l-incident kienu nvoluti l-vettura tal-marka Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni DAF-789 li skond l-okkorrenza redatta mis-surgent li mar fuq il-post kien James Tanti, u l-vettura tal-marka Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjoni FTO-878 misjuqa minn Evan Abela Scolaro;

3. Illi l-attur Abela Scolaro jsostni li kien fi triqtu lejn id-dar u ra l-vettura l-ohra involuta tiela' ghal fuqu mid-direzzjoni opposta u nonostante li ghafas il-brake il-kollizzjoni sehhet xorta wahda;

4. Illi jirrizulta, anke mill-iskizz ipprezentat in atti, li t-triq fejn sehh l-incident hi wahda wiesgha bizzejjed li tippermetti zewg vetturi jghaddu bil-kumdita';

5. Illi b'rizultat ta' dan l-incident l-atturi sofrew d-danni minnhom indikati fl-avviz odjern li aktar tard gew ridotti permezz ta' nota datata l-20 t'April 2004 ghall-elf sitt mija u erba' Liri Maltin u erbgha u sittin centezmu (LM1604.64,0);

Ikkunsidrat:

Illi skond l-iskizzipprezentat jirrizulta li t-triq fejn sehh l-incident hi wahda li verament tippermetti zewg vetturi jipprocedu kontra xulxin b'kumdita';

Illi jidher li z-zewg vetturi kienu qed jinstaqu wisq lejn in-nofs tat-triq bil-konsegwenza li z-zewg konducenti ikkontribwew ghall-incident in dizamina;

Ikkunsidrat:

Illi pero' gie allegat li l-vettura li habtet mal-attur kienet qed tigi misjuqa mill-kjamata in kawza u mhux effettivament mill-konvenut;

Illi pero' dan jirrizulta konfutat mill-genituri ta' l-istess konvenut li jsostnu li effettivament din il-kjamata in kawza kienet maghhom d-dar u marret fuq il-post ta' l-incident wara li kienu msejha fuq il-post mill-konvenut;

Illi fid-dawl ta' dan, din il-qorti ma thosshiex konvinta mill-versjoni attrici u qed tiskartaha;

Ghaldaqstant din il-qorti wara li qieset fit-tul il-fatti kif fuq esposti:

1. Tiddikjara li l-attur Abela Scolaro u l-konvenut Tanti huma ugwalment responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;

2. Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-atturi nofs l-ispejjez kagunati, senjatament seba' mija u erbatax-il Lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (LM714.64,0), bl-excess jibqa' fil-konfront ta' l-attur Abela Scolaro;

3. Illi l-ispejjez ta’ din il-procedura ghandhom ghalhekk ikunu wkoll divizi ugwalment bejn l-atturi u l-konvenut.

Marica Sammut
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------